MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2008

Numru. 1316/2007

Il- Pulzija
(Spettur Alexander Grech)

-vs-

Martin Pace u
Joseph Pace

Il-Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l-imsemmija

**Martin Pace** ta’ 44 il-sena, imwieled Zabbar fil-20 ta’ Marzu, 1963, iben il-mejjet Joseph u l-mejta Carmen u residenti Flat 6, Unit 1, Block G, Bini tal-Gvern, Paola, detentur tal-karta tal-identita numru 185963(M).

U

**Joseph Pace**, ta’ 18 il-sena bin Martin u Connie nee’ Delia imwieled il-Pieta’ fid-29 ta’ Dicembru, 1988 u residenti Flat 6, Unit 1, Block G, Bini tal-Gvern, Paola, detentur tal-Karta tal-identita numru 13889(M).

Akkuzati talli nhar il-25 ta’ Ginju, 2007, ghall-habta ta’ xi 8:45 ta’ fil-ghaxija waqt li kienu fil-Ponta tal-Isla, l-Isla permezz ta’ l-istess strument fuq l-imsemmi Geoffrey Tabone ikkagunnaw feriti ta’ natura gravi kif gie iccertifikat minn Dr.M.Sciberras MD ta’ l-isptar San Luqa, liema feriti jistghu jikkagunaw debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-gisem jew igib difett permanenti f’parti tal-gisem jew marda permanenti tal-mohh ta’ l-imsemmi Geoffrey Tabone;

U ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi bil-hsieb li jtelfu, jew inaqqsu l-gieh ta’ Geoffrey Tabone iweggghawh bi kliem, b’gesti jew b’mod iehor u dan bi ksur ta’ l-artikolu 252 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi hebbew ghal Geoffrey Tabone u dan sabiex jingurjawh, iddejjquh jew jaghmlulu hsara u dan bi ksur ta’ l-artikolu 339 (d) u (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, qalu fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indecenti, jew ghamlu atti jew gesti oxxeni, jew b’xi mod iehor li mhux provdut fil-Kodici Kriminali, offendew l-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika, u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (bb) u 342 tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi imbottaw lil Geoffrey Tabone u dan sabiex iweggawh jew jinsulentawh u dan bi ksur ta’ l-artikolu 339 (1)(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Lil Joseph Pace wahdu, gie akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin u cirkustanzi, kiser il-provedimenti ta’ l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 li gew imposti fuqu mill-Qorti tal-

Magistrati (Malta), mill-Magistrat Dr.L.Quintano LL.D datata 20/11/2006.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' Geoffrey Tabone u tapplika l-provvedimenti ta' Art 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom waqt l-udjenza mizmuma fil-21 ta' Jannar 2008 u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti fissritilhom l-konsegwenzi ta' ammissjoni u taghthom zmien biex jikkunsidraw l-pozizzjoni taghhom.

Rat l-artikoli 214, 216, 252(1), 339(1)(e)(l), 338(bb) u 342 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 22 tal-Kap 466 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat il-fedina penali ta'l-imputati.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijet kollha migjuba kontra taghhom; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet diversi fatturi in konsiderazzjoni inkluz il-koperazzjoni ta'l-imputati mal-pulizija, l-ammissjoni bikrija taghhom, l-fedina penali, il-fatt li l-incident mertu tal-kawza gie provokat mill-parte leza kif ukoll l-fatt li erba' mill-imputazzjonijiet huma ta' natura kontravvenzjonali.

Illi l-Qorti ma setghatx ma tikkunsidrax xi fatturi ohra li huma relevanti ghal kull wiehed mill-imputati individwalment.

Illi jirrizulta li l-imputat Joseph Pace huwa iben l-imputat l-iehor Martin Pace. L-incident mertu tal-kawza sehh wara incident iehor li kien involut fih biss Joseph Pace mal-*parte leza* odjerna Geffrey Tabone. Fil-fatt l-imputat Martin Tabone involva ruhu meta sar jaf li ibnu kien involut f'xi incident u mar biex jara x'kien gara lill-ibnu. F'dan l-istadju, u fuq provokazzjoni tal-*parte leza* sehh l-incident mertu tal-kawza u li fih safa' midrub l-*parte leza.*

Illi jirrizulta ukoll mill-atti li fil-konfront ta' Joseph Pace hemm imputazzjoni li m'hiex addebietata ukoll lill-missieru u cioe dik tal-ksur ta' liberta kundizzjonata. Ir-reat li ghalih kien instab hati u liberat bil-kundizzjoni li m'ghamilx reat iehor fi zmien ghaxar xhur kien dak ta' pussess ta' raza mehuda mill-pjanta cannabis.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma li ghandha titratta max-zewg imputati b'mod differenti kull wiehed skond ic-cirkostanzi tieghu.

Ghal dawn il-motivi:

Fuq ammissjoni, u wara li rat l-artikoli 214, 216, 252(1), 339(1)(e)(l), 338(bb) u 342 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat **Martin Pace** hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kap 466 tilliberah bil-kundizzjoni li ma' jaghmilx reat iehor f'perjodu ta' sentejn.

Fuq ammissjoni, u wara li rat l-artikoli 214, 216, 252(1), 339(1)(e)(l), 338(bb) u 342 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 22 tal-Kap 466 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat **Joseph Pace** hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' *probation* ghal perjodu ta' sentejn (2) f'liema perjodu huwa m'ghandu jiehu l-ebda sostanza projbita u ghandu jissottometti ghal

testijiet frekwenti biex tigi stabbilita l-ottemperanza ta'l-imputat ma'din l-ordni.

Il-Qorti spjegat lill-hati Joseph Pace fi kliem car r-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk hu jikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija waqt il-perjodu ta' sentejn.

Il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficcju tal-*Probation* sa biex jigi assenjat ufficjal responsabbli ghas-sorveljanza tal-hati.

In oltre a tenur ta' l-artikolu 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, u in vista tal-fatt li l-l-imputat gie dikjarat hati ta' reat waqt il-perjodu ta' liberta kondizzjonata impost fuqu minn din il-Qorti kif diversament preseduta permezz ta' sentenza mghotija f'l-20 ta' Novembru 2006, il-Qorti qed tittratta ma'l-imputat ghar-reat li dwaru hu kien gie liberat bil-kundizjoni li ma jaghmilx reat iehor bil-mod li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati ghal-dak ir-reat u fil-waqt li terga tikkonferma s-sejbien ta' htija ta' dik l-imputazzjoni, u wara li rat l-artikoli 7, 13, 31(1)(f), u 37 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 8(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap101 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Joseph Pace ghal piena ta' ammenda ta' Euro hamsa u hamsin (Euro 55).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------